# Il-Mellieħa u L-Avjazzjoni

minn David Bartolo

Naħseb li hawn min jgħid dan biex ġej, x'konnesjoni hemm bejn il-Mellieħa u l-avjazzjoni? Il-Mellieħa hi kemmxejn il-bogħod mill-ajruport kemm dawk preżenti u kemm dawk il-mitjar militari li kienu joperaw il-Forzi Brittaniċi f'Malta. Avolja hemm din l-istampa, l-istorja turi xort' oħra. Mal-Mellieħa avolja mhux xi storja kbira hemm ċertu konnesjonijiet mal-avjazzjoni li huma għal kollox fl-isfond militari.

Qabel nibdew iktar fid-dettal, nixtieq ngħid li dan it-test hu biss tentattiv fl-isfond tas-suġġett. Is-suġġett jeħtieġ u naħseb li jixraqlu studju profond biex xi darba ikollna storja kompleta maqgħuda fuq is-suġġett msemmi. Kienu diversi il-kitbiet f'diversi setturi bħal kotba u gazzetti li taw dawl lil dan il-qasam partikulari u r-rabta mal-Mellieħa. Jien f'dan l-ispazju ġentilment provdut ħa nagħti ħarsa ħafifa lejn tlett partikularitajiet fl-istorja tal-Mellieħa; l-konnesjoni qabel t-Tieni Gwerra Dinjia, l-avjazzjoni militari fl-istess gwerra u kraxx ta'ajruplan militari Ingliż fil-Mellieħa fis-snin Ħamsin.

## Qabel it-Tieni Gwerra Dinija



Ajruplani Fairley Swordfish fil-Bajja ta' Għajn Tuffieħa qabel it-Tieni Gwerra Dinija għal habta tas-snin tletin

Qabel it-Tieni Gwerra Dinija, il-bajja tal-Mistra kienet tintuża mill-kumpanija tal-Ajru Taljana 'Ala Litoria'[1].



Ajruplani tal-baħar fil-Bajja tal-Mistra qabel it-Tieni Gwerra Dinjia.

## It-Tieni Gwerra Dinija

Il-Mellieħa għalkemm 'il bogħod mill-Port l-Kbir u nħawi strateġiċi oħra, xorta sofriet mill-qilla tal-ajru tal-għadu waqt it-Tieni Gwerra Dinjia. Avolja 'l bogħod, l-Mellieħa xorta lagħbet parti importanti fil-gwerra f'kull aspett militari taż-żmien. F'din it-taqsima ħa nagħti ħarsa ħafifa lejn xi fatti li ġraw fi żmien msemmi in konnessjoni bejn il-Mellieħa u l-avjazzjoni.



Il-Mellieħa mil-ajru waqt it-Tieni Gwerra Dinija

## Il-Bażi tas-Seaplanes fil-Mistra

Fi żmien it-Tieni Gwerra Dinija, l-forzi Ingliżi żammew bażi tal-ajruplani tal-baħar fil-Bajja tal-Mistra. F'dawn iż-żminijiet f'Malta kien hawn żewġt bażijiet oħra ta'din ix-xeħta minbarra dik tal-Mistra, kien hemm oħra bil-wisq ikbar f'Kalafrana ħdejn Birżebbuġa u faċilità oħra fil-Port il-Kbir[2].



Il-bażi tal-Mistra



Lanċa tas-salvatagg fl-isfond tal-Palazz ta'Selmun

Il-Bażi tal-Mistra kienet tintuża l-aktar meta kien ikun hemm mewġ qawwi u kontinwu f'Kalafrana u għalhekk f'Jannar tal-1941, kien ġie deċiż li l-Bajja tal-Mistra ssir bażi permamenti għal-ajruplani tal-baħar[3].

Fil-qrib ta din il-bażi f'San Pawl il-Baħar f'tal-Veccia, kien hemm ukoll faċilità ta' laneċ tas-salvataġġ biex ikunu jistgħu jassistu bdoti u nies oħra minn ajruplani li kienu jaqgħu. Din bdiet topera fis- 6 ta'Ottubru 1941[4]. Fil-bażi tal-Mistra kien hemm ajruplani tat-tip Short Sunderland( ritratt

isfel). Dawn kellhom kompitu purament marittimu: kemm bħala ajruplani tat-tkixxif u kemm ukoll biex jattakkaw l-U-Boats-sottomarini Ġermaniżi[5]. Ta' min jgħid li l-ewwel piloti tal-Spitfires f'Malta ġew fuq wieħed min dawn l-ajruplani Sunderland, eżattament fis-16 u l-21 ta' Frar tal-1942 u niżlu f'Kalafrana[6].



Din l-bażi sfat attakkata darbtejn mill-forzi Ġermaniżi fl-1941. L-ewwel darba dan seħħ nhar il-Ġimgħa 7 ta'Marzu 1971 meta żewġ Messerschmit Ġermaniżi attakkaw is-Sunderlands sorġuti fil-bajja u qatlu persuna, is-Surġent militari A.S. Jones. Tlett





ijiem wara, nhar it-Tnejn 10 ta' Marzu 1941, reġa sar attakk ieħor min ajruplani simili u għamlu ħerba wieħed mis-Sunderlands li kien hemm[7].

Dan l-attakk wasal biex l-Ingliżi jieħdu deċiżjoni li jagħlqu il-bażijiet tal-ajruplani tal-baħar f' Malta u jittrasferixu l-iskwadra lejn l-Lvant Nofsani[8].





L-attakk fuq is-Sunderlands fil-Bajja tal-Mistra fl-10 ta'Marzu 1941

## Attakki mill-ajru fuq il-Mellieħa

Diversi kienu l-attakki mill-ajru fuq qagħdiet militari u ir-raħal tal-Mellieħa nnisfu li sofrew min attakki mill-ajru. Fl-inħawi l-konċentrazjoni militari kienet fuq skala għolja , għalhekk din kienet "attraenti"għal-għadu.

L-aktar sena li Malta rat attakki mill-ajru kienet l-1942. F'April tal-istess sena biss , twaddbu 6728 tunnellata ta'bombi[9]. Il-Mellieħa ukoll kellha sehem f'dawn l-attakki u anki mietu xi persuni fosthom tifel ta xi 6 snin Arthur Calleja[10] fil-15 ta'Ottubru 1942 bejn l-10 u l-10.45 ta' filgħodu[11]. F'din is-sena kien hemm madwar 19 il-darba fejn l-avjazzjoni tal-għadu attakkaw lil Malta u kien hemm konnesjoni mal-Mellieħa[12].

Fost l-attakki kien hemm wieħed fuq il-Palazz ta'Selmun, l-qerda tas-searchlight f'Tal-Bisqra u attakk fuq il-Kamp tal-Għadira. Il-Palazz ta'Selmun safa attakkat min tiri sparati min Messerschmidt Ġermaniż ftit qabel is-Sajf tal-1942, fejn kien ntlaqat l-inkwadru tal-kappella tal-istess Palazz[13].

Is-searchlight tal-Bisqra safa taħt il-mira fil-lejl ta bejn it-28 u d-29 ta'Lulju 1942 min ajruplani Taljani Stuka[14]. Il-Kamp tal-Għadira safa taħt attakk qawwi nhar il-25 ta'April 1942 li kien is-Sibt fejn il-Mellieħa ġiet attakkata tlett darbiet. F'dan l-attakk ntużaw l-bombi termsijiet li kienu bombi inċendarji u mietu żewġ persuni[15].

## Ajruplani li ġġarfu fil-gwerra fil-Mellieħa u l-madwar

Diversi kienu l-ajruplani kemm tal-Alleati u kemm tal-għadu li waqgħu u ġġarfu f'dawn l-inħawi. Fost l-oħrajn nsibu Stuka li ntlaqat min Bofors fit-8 ta'Mejju 1942 u kkraxja ħdejn il-Ponta ta'Aħrax. Dan ittella mill-baħar fit-12 ta'Setembru 1993[16]. Xahar wara fit-2 ta'Lulju 1942, ajruplan Taljan tal-għamla Macchi wara ġlieda li kellu, ġie mwaqqa u kkraxja f'għalqa Qasam Barrani[17]. Fil-Manikata u fil-madwar waqt attakki f'Mejju u Lulju 1942 waqgħu żewġ ajruplani, wieħed Ġermaniż u l-ieħor tal-Allejati[18].

Kraxx ieħor kien ta'ajruplan Ġermaniż f'Għajn Tuffieħa. Fid-29 t'April 1941, waqt attakk mill-ajru għal ħabta ta' 6.30 pm , Junkers Ju 88 tal-Qawwa tal-Ajru Ġermaniża, intlaqat minn kanun ta' kontra l-ajruplani u qabad.



Fl-istess waqt ajruplani Ngliżi komplew jattakawh[19]. Huwa waqa ħdejn il-barrakki militari ta' Għajn Tuffieħa. Il-krew ta' 4 persuni qabżu bil-paraxxut . Wieħed ġie maqbud f'Pembroke u t-tlieta l-oħra ġew salvati mill-baħar. Wieħed minnhom kellu l-Iron Cross li kien dekorazjoni għal-erojizmu militari Ġermaniż[20].

Ta' min jgħid ukoll li l-kredtu ta' dan it-twaqqiegħ kien tal-iskwadra tal-ajru 261[21] li kienet tikkonsisti f'ajruplani Gladiator u Hurricane. Din l-iskwadra kienet responssabli għad-difiża tal-ajru Malti sal 21 ta'Mejju 1941[22]. Punt interessanti huwa li l-ewwel difiza li kellha Malta fl-ajru li kienu primittivi ħafna, tlett ajruplani Gladiator; Faith, Hope and Charity, kienu jiffurmaw parti min din l-iskwadra[23].

Fl-aħħar ta' dan il-kapitlu dwar l-avjazzjoni u l-Gwerra, nixtieq insemmi żewġ stejjer oħra żgħar. Fil-lejl ta' 'bejn l-25 u s-26 ta' Jannar 1941, ajruplan tal-baħar Taljan Cant tas-Salib Aħmar kien ħdejn Kemmuna li bi żball ħasibha il-gżira ta' Linosa, territorju Taljan. L-ewkwipaġġ talab li jinxtegħel searchlight ħalli jinżel fil-baħar u dan inxtegħel mill-Mellieħa. Dan għereq l-għada meta ġie miġbud lejn Kalafrana f'baħar qawwi[24]. Sena wara fit-28 ta'Lulju 1942, ajruplan simili Cant Taljan kien ġie hijacked minn xi priġunieri Allejati u kien ġie miġbud lejn il-bażi tal-Mistra fejn ftit wara ġie meħud lejn Kalafrana u beda jiġi użat mill-forzi Ingliżi[25].

## Kraxx ta'ajruplan Ingliż fl-1956

Fl- 4 ta'Ottubru 1956, waqa' ajruplan tal-għamla Sea Hawk fl-inħawi tal-Mellieħa, eżattament f'Irdum id-Delli[26]. X'kien ġara eżatt? Fl-1956 kienet għaddejja ġmiela il-kwistjoni tal-Kanal tas-Suez bl-Ingliżi u l-Franċiżi fuq naħa u l-Eġizzjani taħt Nasser in-naħa l-oħra. L-Ingliżi kienu wettqu diversi manuvri u taħriġ ieħor f'Malta u fil-baħar tal-madwar[27] biex jippreparaw biex jattakkaw l-Eġittu f'dik li ġiet imsejħa Operation Musketeer[28]. F'dan it-taħriġ kienu qed jieħdu sehem tlett aircraft carriers Ingliżi fosthom l-HMS Bulwark[29] li kellhu l-kapacità li jġorr 45 ajruplan[30]. Dan kien jieħu ajruplani tal-għamla Sea Hawk(mudel simili jinsab fil-Mużew tal-Avjazzjoni f'Ta'Qali)[31].



Sea Hawk

Fil-ġurnata msemmija iktar 'il-fuq , għal ħabta ta xi 10 ta' fil-għodu, numru ta' Sea Hawks kienu qed jagħmlu it-taħrig tagħhom viċin il-Mellieħa f'għoli ta 12,000 pied[32]. F'ħin minnhom bdot ta' wieħed min dawn l-ajruplani, li kien Gordon John Meredith ta '19 il-sena min Croydon, Surrey[33] deher jaqbeż, fejn iżda għal xi raġuni, dan ma nħallx mil-ejector seat u lanqas il-paraxut ma nfetaħ sewwa. Minħabba f'hekk, dan baqa' nieżel b'qawwa kbira u miet mad-daqqa[34] fejn dan waqa fuq kamra żgħira ta' ġnien fit-Triq is-Santwarju[35]. L-ajruplan baqa' jtir waħdu għal xi ftit u iġġarraf f'Irdum id-Delli[36] li jigi taħt it-Torri ta Għajn Żnuber (ta'Ciantar).

Kif rajna f'din il-ħarsa ħafifa, il-Mellieħa u l-inħawi kellhom sehem qawwi fl-istorja tal-avjazzjoni Maltija. Naħseb li tajjeb jekk tinġabar u tinkiteb din l-istorja kollha fid-dettal ħalli tkompli tikber ir-rikkezza tal-istorja Melleħija u ta'madwar.


**Bibliografija:**

Accidents Military 1950-1959 in Aviation in Malta (2010) (on-line) f': http://www.aviationinmalta.com/MilitaryAviation/AccidentsMilitary/19501959/tabid/495/language/en-GB/Default.aspx (29 ta' Lulju 2010)

BORG. P P; L-Aħħar Gwerra f' Selmun u l-Inhawi (Malta 1989) 62-63.

CARDONA MARIO; Għajn Tuffieħa u l-Manikata fil-Mellieħa Mal-Milja taż-Żmien( Mellieħa 2002) 165-166.

CARUANA, RICHARD J.; Malta George Cross Victory in the Air (Malta 1997) 92.

DEBONO CHARLES; L-attakk fuq il-Bajja tal-Mistra fil-Mellieħa, (Maltà Jannar 2002) 9.

DEBONO CHARLES; Ajruplan Ġermaniż jaqa l-Manikata fil-Mellieħa, (Malta Marzu 2002)13.

DEBONO CHARLES; Il-Qerda tas-searchlight f'Tal-Bistra fil-Mellieħa, (Malta Gunju 2002) 27.

DEBONO CHARLES; Ajruplani li ġġarfu fil-Mellieħa fl-aħħar gwerra fil-Mellieħa, ( Malta Lulju 2002) 15.

DEBONO CHARLES; Il-Bumbardament tal-Kamp tal-Għadira, 25 ta'April 1942 fil-Banda La Vittoria Festa 2007 (Malta 2007) 193-195

Fighting the U-Boats, (1995-2010)(on-line) f': http://uboat.net/allies/aircraft/sunderland.htm (29 ta' Lulju 2010)

First Spitfire pilots arrive by Sunderland f 'Malta at War Vol 4, Issue 13, (Malta 2001) 1402.

H.M.S.O; The Air Battle of Malta, (London 1944) 54.

History of N0. 261 Squadron( 2009) (on-line) f'http://www.raf.mod.uk/history_old/h261.html (30 ta' Lulju 2010)

Italian Red Cross seaplane duped to Comino f'Malta at War Vol 2, Issue 7, (Malta 2001) 510-512.

Ju88 crashes at Ghajn Tuffieha f'Malta at War Vol 3, Issue 2, (Malta 2001) 731.

MUSCAT JIMMY; Jet Crash over Mellieha fis-Sunday Times (Malta 28 ta' Ottubru 2001) 38-39

MUSCAT JIMMY; Bombi fuq il-Mellieħa Jannar-Ottubru 1942 fil-Mellieħa, (Malta Novembru 2003) 10.

RAAF - Malta Defence Flight / No. 261 Squadron( 2008) (on-line) f': http://www.epibreren.com/ww2/raf/261_squadron.html (30 ta' Lulju 2010)
SAID MARK; It-Traġedja tas-Sea Hawk, Ġrajjiet tal-Imgħoddi fil- Mill-Qiegħa Nr 14, (Mellieħa Mejju 2002) 11.
Targeting the Sunderlands f'Malta at War Vol 2, Issue 10, (Malta 2001) 596-597.
The Airfields of Malta and Gozo f 'Malta at War Vol 1,Issue 2,( Malta 2001) 51.
VELLA PHILIP; Malta Blitzed but not Beaten ( Malta 1985)
Ritratti : Malta at War

**Referenzi:**

[1] P. Vella (1985) p. 5
[2] The Airfields of Malta and Gozo (2001)
[3] Targeting the Sunderlands (2001)
[4] P. Vella (1985) p 156
[5] Fighting the U-Boats
[6] First Spitfire pilots arrive by Sunderland (2001)
[7] C.Debono (2002)
[8] Targeting the Sunderlands (2001)
[9] H.M.S.O. (1944)
[10] P. Vella (1985) p 271
[11] J.Muscat (2003)
[12] ibid
[13] P P. Borg (1989)
[14] C. Debono (Gunju 2002)
[15] C. Debono (2007)
[16] C. Debono (Lulju 2002)
[17] ibid
[18] M. Cardona (2002)
[19] C.Debono (Marzu 2002)
[20] Ju88 crashes at Għajn Tuffieħa (2001)
[21] C. Debono (Marzu 2002)
[22] History of No. 261 Squadron
[23] RAAF - Malta Defence Flight / No. 261 Squadron
[24] Italian Red Cross seaplane duped to Comino (2001)
[25] R J. Caruana (1997)
[26] M. Said (2002)
[27] J.Muscat (2001)
[28] Accidents Military 1950-1959 in Aviation in Malta
[29] ibid
[30] ibid
[31] M.Said (2002)
[32] Ibid
[33] J.Muscat (2001)
[34] M.Said (2002)
[35] J.Muscat (2001)
[36] M.Said (2002)